**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 24 t' Ottubru, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**
**-vs-**
**David Farrugia, detentur tal-karta tal-identità numru 234087M.**

***Kumpilazzjoni Nru. 155/2016***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat David Farrugia u ċioè talli:

1. Fil-5 ta' April, 2014, u fi żmien ta' qabel, fil-fond The Cape, Triq Mikiel Ang Sapiano, Ħal Luqa, u fil-Gżejjer Maltin seraq kaxxa madum għad-detriment ta' Polidano Brothers u John Paul Attard għall-valur ta' €781.70 liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-persuna u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263, 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, lok u ċirkostanzi xjentament xtara jew laqa' għandu ħwejjeġ misruqa meħdua b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod ieħor li jkun indaħal biex jbiegħhom jew jmexxihom u dan bi ksur tal-Artikoli 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija titratta lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi kienu mogħtija lil David Farrugia li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi **John Attard**, *project manager* tas-sit ta' kostruzzjoni fejn kien qed jahdem l-imputat, spjega kif kien gie avvicinat mill-istess imputat u mgharraf li kienu insterqulu *chain blocks* u sellum kif ukoll *extension* li kienu selfuh biex jahdem biha. Farrugia semmielu li certu Omar Busuttil kien wettaq is-serqa ghax kien rah f'gurnata meta ma kienx xoghol jiehu xi madum. Meta kellem lil Busuttil dan ammetta li kien ha 11 il-kaxxa madum.[1] Sussegwentement gie mgharraf minn impjegat Egizzjan li kienu insterqu 56 kaxxa madum. Omar infurmah li kien l-imputat li staqsieh setghax jiehu l-madum u li l-istess imputat uza ic-*chain blocks* u issellum sabiex jitnizzlu l-madum li kienu fuq *pellets* fuq il-bejt tal-*penthouse*.[2] L-imputat, li kien *sub-contractor* inkarigat mill-installazzjoni tal-lifts, kellu access ghall-garixxijiet fejn kien ihalli l-apparat tieghu u dan permezz ta' *remote controls*. Kien instab sellum fil-basement li kien jappartjeni lill-imputat. Fuq il-post l-imputat innega li kien seraq xi madum[3] izda ftit wara **l-imputat cempel lil Attard u qallu li kien gej bil-madum. Fil-fatt gablu 38 kaxxa u zewg madumiet**.[4] Dawn kienu ta' valur li jammonta ghal €781.704.[5] Ix-xhud iddikjara li l-interess tieghu kien li l-madum gie rritornat.

Illi Attard semma li l-manager tal-kumpanija li kien jahdem maghha l-imputat, certu Anton, ukoll kien cempillu biex jghidlu li **Farrugia kien fi triqtu lejn is-sit ta' kostruzzjoni, bil-madum**.[6] Din hi l-ewwel

[1] Fol.9
[2] Fol.10
[3] Fol.12
[4] Fol.13
[5] Dok.JA a fol.6
[6] Fol.13

indikazzjoni li l-madum ma kienx ghadu fuq is-sit ta' kostruzzjoni, addiritura fil-basement, kif jipprova jaghti l-impressjoni l-imputat.
Jinghad li ghalkemm dan il-manager baqa' ma tressaqx jixhed mill-prosekuzzjoni, ma hemm xejn li jgieghel lil-Qorti tiddubita mix-xhieda ta' Attard. Dan ix-xhud kien ikun ferm utli sabiex jipprova jispjega kif l-impjegat tieghu, l-imputat, kien fi triqtu b'madum lejn is-sit ta' kostruzzjoni liema madum suppost kienu instabu fl-istess sit! Kien ikun interessanti li jsir maghruf kif hu dahal fl-istorja u kif sar jaf b'dak li kien qed isehh! Hija tassew hassra li minn zmien ghal zmien il-prosekuzzjoni tiskarta xhieda li kapaci jkunu determinanti sabiex taghmel prova shiha kontra l-imputat billi tissostanzja dejjem aktar l-akkuzi.

Illi xehed **Omar Busuttil** li precedentement kien instab hati fuq serq ta' hdax il-kaxxa madum. Dan spjega li hu kellhu c-cwievet ta' kullimkien [*remote*] u li l-imputat, li kien jaghmel uzu minn garaxx, kien talbu ihallilu ic-cwievet biex jiehu l-ghodda. Hu kien issuspetta li kien l-imputat li ha l-madum ghaliex kien qallu li kien insteraqlu l-*winch* izda hu kien induna li l-fallakki li kien maghluq bihom il-post ma kienux ghadhom hemm u ghalhekk issuspetta li min ha l-madum kien nizzilhom bil-*winch*.[7] Jixhed ukoll li meta hu ha l-madum fil-garaxx tieghu, <u>l-imputat kien mieghu</u>.[8]

L-imputat **David Farrugia** ghazel li jixhed u beda biex qal li hu kellhu argument ma John Attard, il-*project manager*, li kien qallu li ser ippatihielu ghalkemm <u>qatt ma offra xi spjegazzjoni</u>, plawzibbli, ghaliex dan kellu jkun determinat li jaghmillu xi azzjoni bi tpattija. Fuq il-post jghid li halla lil Omar. Kien halla wkoll impjegat tieghu li ftakkar biss il-laqam tieghu, *'il-kuku'*, li kellu jitlaq minn fuq is-sit b'tal-linja.[9] Jghid li kien halla l-ghodda fuq is-sit ta' kostruzzjoni u t-Tnejn filghodu, hekk kif sab li kienu naqsulu l-habel u l-*winch,* mar jaghmel rapport l-ghassa.[10] Kif kien mar il-pulizija fuq il-post gie nnutat li anke kien hemm madum nieqes.

---

[7] Fol.38
[8] Fol.39
[9] Fol.51
[10] Fol.53-54: *"Kont hemmhekk fis-sebgha u nofs <u>(7.30),</u> tlajt fuq…..kien it-Tnejn filghodu….<u>Ma kellimt lil Hadd. Giovan kien ghadu ma wasalx.</u> Ma kien wasal had. Mort ghand il-Pulizija. Kien hemm tnejn Pulizija l-Ghassa ta' hal-Luqa u ghamilt rapport."*

Illi mill-provi il-Qorti sabet li mhux minnu li l-imputat mar mill-ewwel jaghmel rapport l-ghassa hekk kif, skond hu, nduna li nsteraqlu xi apparat;[11] fil-fatt il-**Current Incident Report** jindika li Farrugia mar jaghmel ir-rapport ferm wara meta kienu saru 11.45.[12] Lanqas ma jista' jintnesa li Attard wasal fuq il-post fit-**8am**[13] meta kien dak il-hin li Farrugia infurmah li naqsu l-ghoddod tieghu u fejn hu jghid li kien hu stess (Attard) li qallu jmur jaghmel rapport[14]filwaqt li l-impjegat Egizzjan qallu li anke kien insteraq xi madum. **Ghalhekk fejn l-imputat jghid li mar l-ghassa fil-hin meta fuq il-post kien ghadu ma wasal hadd, u li hu ma kien lahaq kellem lil hadd, qed ikun inveritjier ghall-ahhar!**

Illi jirrizulta izda hu li kien biss ghal xi 11:30am-11:45am meta lil Attard cempillu l-manager tal-kumpanija tal-liftijiet u **qallu li l-imputat kien ser jirritorna il-madum** u hekk fil-fatt gara.[15] Dan kien fil-hin li l-imputat kien qieghed jaghmel rapport l-ghassa dwar is-serq tal-ghoddod. Mhemmx dubbju li r-rapport sar ghall-ebda skop iehor ghajr li jipprova jostura l-id minn tieghu fis-serq tal-madum. **Li kieku hu minnu li l-madum gabu minn isfel, mis-sit ta' kostruzzjoni stess, ghaliex ma sejjahx lil Attard dak il-hin stess fuq il-post u hadu jara fejn kien instab il-madum u b'hekk ixxejjen kwalunkwe dell ta' htija minn fuqu?**

Illi Attard kien qal hekk *"U mbghad David cempel lili biex jghidli li **kien gej** bil-madum. U gab, disgha u tletin (39) kaxxa u zewg (2) madumiet"*.[16] **Altru li ma kienux fuq il-post** kif donnu jrid igieghel jitwemmen l-imputat meta jghid li *"Il-madum instab isfel fit-tieni sular, fil-basement u mort nghabbih jiena stess fuq il-vann tieghi ghax qalli Giovan biex nghabbih"*[17] Kif jista jkun ghandu mis-sewwa li dan kellu ghalfejn jghabbih fuq il-van mill-basement biex jittella' fejn kien thalla' originarjament biex jintuza u cioe` fuq il-bejt tal-*penthouse*??[18] Hu tassew malizjuz l-imputat li jittenta jghid li dan sar b'xi forma ta' tpattija minn naha ta' Attard meta l-istess

[11] Fol.53
[12] Dok.Sc a fol.19-21
[13] Fol.9
[14] Fol.14: *Fil-fatt jien stess ghidtlu: "mur ghamel rapport," lil David u mar l-Ghassa.*
[15] Fol.13
[16] Ibid.
[17] Fol.55
[18] Fol.10

persuna wriet li l-interess uniku taghha kien spicca malli giet ritornata r-*res furtiva* u li ma kellu ebda pendenza ulterjuri fil-konfront tieghu.

Tant il-verzjoni tal-imputat ghandha mill-ludikru li in kontro-ezami jasal jghid li kien 'il-kuku' (bniedem li ghalkemm hadem mieghu u kien jigbru filghodu mill-pjazza tal-Hamrun, baqa' ma jaghti ebda dettal iehor dwarhu!), li kien gharrfu li l-madum kien mohbi wara kantuniera fil-garaxx. Skond l-imputat u kontra kull logika u buon sens, dan jistqarr li Attard li kien fuq is-sit ta' kostruzzjoni, tah struzzjonijiet imur jiehu it-38 kaxxa madum (mis-sit ta' kostruzzjoni) l-ghassa! *"Il-madum sibt hemm, ghabbejt. Mort nghid lil Giovan. Ghidtlu "Giovan", ghidtlu "l-madum hemmhekk kien". Qalli "ghabbieh u hudu l-ghassa tal-Pulizija". Jien hekk ghamilt. Inzilt isfel, ghabbejtu u kemm ili nghidlek ghabbejtu, tfajtu fil-vann, tlajt fil-vann quddiem..... Jien qbadt il-madum, ghabbejtu fil-vann, hadtu l-ghassa u daqshekk."*[19] **Xi skop kien hemm li jiehu l-Ghassa madum misjub fuq is-sit ta' kostruzzjoni li kien destinat li jintuza fuq l-istess sit?? Jekk din il-verzjoni hi minnha allura ghaliex l-imghallem tal-imputat kien cempel lil Attard u nfurmah li l-imputat kien ser jirritorna l-madum?**

Fl-istqarrija[20] tieghu l-imputat l-ewwel allega li ma kienx hu li seraq il-madum izda kien jaf min serqu izda jonqos milli jiddentifika l-persuna responsabbli. Iktar stramb hu il-fatt li filwaqt li jsostni li ma kellhu x'jaqsam xejn mal-fatt li dawn naqsu, madankollu *"offrejthomlu anke flus."*[21] Ghaliex hass li kellu jhallas ta' xi haga li ma kienx hu li seraqha u dan meta sahansitra anke hu kien safa' vittma ta' serq tal-ghoddod tieghu?

Terga' tohrog inkonsistenza ohra meta fl-istess stqarrija, kif anke xehed quddiem din il-Qorti, jghid li kien mar l-ghassa jaghmel rapport qabel ma wasal Attard fuq il-post,[22] xi haga li kemm il-Current Incident Report (li jsemmi li r-rapport sar fil-11:45am) kif ukoll Attard, li wasal ghal xi 8am,[23] jizmentixxu peress li jirrizulta li kien hemm trapass ta' aktar minn 3 sighat qabel ma iddecieda jaghmel rapport!!

---

[19] Fol.58
[20] Fol.28-30
[21] Fol.29
[22] Fol.30
[23] Vide xhieda ta Attard a fol.9 fejn jindika li kien wasal fuq il-post tax-xoghol ghal xi 8am!

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u wara li gew ezaminati r-rizultanzi processwali l-Qorti ma tistax ghajr issib li l-ewwel akkuza giet soddisfacentement ippruvata ghajr ghal kwalifika tal-mezz. In vista ta' dan u peress li t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Illi l-Ufficjal Prosekutur esebixxa sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat nhar is-16 ta' Dicembru, 2010, fejn jirrizultaw il-konnotati tal-imputat u ghalhekk l-addebitu tar-recidiva gie soddisfacentement ppruvat ukoll.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet konsiderazzjoni tal-fatt li f'dan il-kaz isib applikazzjoni l-artikolu 337(2)(b)(i) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll li l-fedina penali tal-imputat mhux wahda li tohloq preokkupazzjoni ghal Qorti. Il-Qorti semghet anke lil rapprezentant tal-parte leza jixhed kemm kien biezel l-imputat. Tenut kont ta' dan kollu kif ukoll tal-fatt li minn meta sehh il-kaz l-imputat ma regghax xellef dufrejh mal-gustizzja, il-Qorti hi tal-fehma li l-fic-cirkostanzi piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 17, 31, 261(c)(d), 267, 268, 279(a), 280 u 337(2)(b)(i) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni fuqu impost.

Tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**